

31981D0662

22.8.1981

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 237/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-28 ta' Lulju 1981

li temenda d-Deċiżjonijiet 80/790/KEE, 80/799/KEE, 80/800/KEE, 80/801/KEE, 80/804/KEE u 80/805/KEE li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Finlandja, l-Isvezja, in-Norveġja, l-Awstralja, il-Kanada u New Zealand rispettivament

(81/662/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat u majjali u laħam frisk minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 77/98/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 16 tagħha,

Billi d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 80/790/KEE, 80/799/KEE, 80/800/KEE, 80/801/KEE, 80/804/KEE u 80/805/KEE tal-25 ta' Lulju 1980 li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Finlandja ⁽³⁾, l-Isvezja ⁽⁴⁾, in-Norveġja ⁽⁵⁾, l-Awstralja ⁽⁶⁾, il-Kanada ⁽⁷⁾ u n-New Zealand ⁽⁸⁾ rispettivament ippreskrivew mudelli għaċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali biex jakkumpanjaw kunsinni ta' laħam frisk;

Billi huwa meħtieġ li jiġi modifikat il-kliem ta' l-attestazzjoni tas-saħħa li tikkonċerna l-bruċellożi porċina, ovina u kaprina biex jiġu f'linja mad-dispożizzjonijiet tal-Komunità għa' adottati dwar pajjiżi oħra li mhux membri;

Billi l-miżuri li tiddisponi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi mad-Deċiżjonijiet 80/790/KEE, 80/799/KEE, 80/800/KEE, 80/801/KEE, 80/804/KEE u 80/805/KEE huma

b'dan emendati billi jiġu mibdula it-tieni u t-tielet inċiżi (it-tielet u r-raba fid-deċiżjoni 80/804/KEE) tal-paragrafu IV (Attestazzjoni tas-saħħa) b'dan li ġej:

- fil-każ ta' laħam frisk tal-majjal, annimali li ma jkunux ġew minn azjendi li għal raġunijiet ta' saħħa huma suġġetti għall-projbizzjoni bħala riżultat ta' tifqigħa ta' bruċellożi porċina matul is-sitt ġimgħat ta' qabel;
- fil-każ ta' laħam frisk tan-nagħaġ u l-mogħoż, annimali li ma jkunux ġew minn azjendi li għal raġunijiet ta' saħħa huma suġġetti għall-projbizzjoni bħala riżultat ta' tifqigħa ta' bruċellożi ovina jew kaprina matul is-sitt ġimgħat ta' qabel;”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1982.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Lulju 1981.

Għall-Kummissjoni

Gaston THORN

Il-President

(1) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

(2) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 81.

(3) ĠU L 233, ta' l-4.9.1980, p. 47.

(4) ĠU L 234, tal-5.9.1980, p. 35.

(5) ĠU L 234, tal-5.9.1980, p. 38.

(6) ĠU L 234, tal-5.9.1980, p. 41.

(7) ĠU L 236, tad-9.9.1980, p. 25.

(8) ĠU L 236, tad-9.9.1980, p. 28.